

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1913/2006**

**tal-20 ta' Diċembru 2006**

**li jstipula regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja tal-ewro fis-settur agrikolu u jemenda ċerti regolamenti**

(ĠU L 326M, 10.12.2010, p. 456)

Emendat minn:

|                    |  | Ġurnal Uffiċjali |       |           |
|--------------------|--|------------------|-------|-----------|
|                    |  | Nru              | Paġna | Data      |
| ► <b><u>M1</u></b> | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 873/2007 ta' 1-24 ta' Lulju 2007 | L 193            | 3     | 25.7.2007 |
| ► <b><u>M2</u></b> | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008    | L 149            | 38    | 7.6.2008  |
| ► <b><u>M3</u></b> | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 807/2008 tat-12 ta' Awwissu 2008 | L 217            | 12    | 13.8.2008 |
| ► <b><u>M4</u></b> | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 697/2009 tal-31 ta' Lulju 2009   | L 201            | 6     | 1.8.2009  |



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1913/2006**

**tal-20 ta' Diċembru 2006**

**li jstipula regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja tal-ewro fis-settur agrikolu u jemenda ċerti regolamenti**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-ewro <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' dan

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-ewro fl-agrikoltura <sup>(2)</sup> ġie emendat b'mod sostanzjali minn żmien l-adozzjoni tiegħu. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens relatati mal-valutazzjonijiet mill-ġdid apprezzabbli u mat-tnaqqis fir-rati tal-kambju applikati għall-għajnuna diretta issa m'għadhomx japplikaw skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98. Fl-interessi taċ-ċarezza u s-simplifikazzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 2808/98 għalhekk għandu jiġi revokat u sostitwit b'Regolament ġdid.
- (2) L-avvenimenti operattivi għar-rati tal-kambju applikabbli għas-sitwazzjonijiet differenti li jistgħu jinqalgħu fil-qafas tal-leġislazzjoni agrikola għandhom jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għal kwalunkwe definizzjoni jew eżenzjoni speċifika stipulata fir-regoli għas-setturi konċernati fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98.
- (3) Fir-rigward tal-prezzijiet jew l-ammonti kollha li għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi, l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dwana hija l-avveniment operattiv l-aktar xieraq għall-kisba tal-għan kummerċjali konċernat. L-istess japplika għar-rimborżi tal-esportazzjoni u għall-istabbiliment tal-prezz tad-dħul tal-frott u l-ħxejjex fil-Komunità, li fuq il-bażi taġghom il-prodotti jiġu klassifikati fit-Tariffa Komuni Doganali. Dan l-avveniment operattiv għalhekk għandu jiġi adottat.
- (4) Il-prezz tad-dħul tal-frott u l-ħxejjex fil-Komunità jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-valur standard tal-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 tal-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex <sup>(3)</sup>. Il-prezzijiet rappreżentattivi fis-swieq tal-importazzjoni jintużaw għall-kalkolu tal-ammont standard. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għal daww il-prezzijiet għandu jiġi stabbilit fid-data li japplikaw fiha.
- (5) Għar-rimborżi tal-produzzjoni, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju huwa bħala regola ġenerali konness mal-ikkompletar ta' ċerti formalitajiet speċifiċi. Sabiex jiġu armonizzati r-regoli, għandu jiġi stabbilit li l-avveniment operattiv huwa d-data li fiha l-prodotti jiġu dikjarati li laħqu d-destinazzjoni mixtieqa, fejn destinazzjoni bħal din hija mixtieqa, u fil-każijiet l-oħra kollha huwa l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni għall-ħlas tar-rimborż mill-aġenzija tal-ħlas.

<sup>(1)</sup> ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 349, 24.12.1998, p. 36. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/2005 (ĠU L 172, 5.7.2005, p. 76).

<sup>(3)</sup> ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

## ▼B

- (6) Fil-każ tal-ghajjnuna għall-ipproċessar tal-frott taċ-ċitru u l-frott u l-ħxejjex imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2202/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jintroduċi skema ta' ghajjnuna tal-Komunità għall-produtturi ta' ċertu frott taċ-ċitru<sup>(1)</sup> u fl-Artikoli 2 u 6a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati<sup>(2)</sup> rispettivament, għall-prezz minimu msemmi fl-Artikolu 6a(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, u għall-ghajjnuna għall-foraġġ immixxef imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef<sup>(3)</sup>, l-għan kummerċjali jinkiseb meta l-prodotti jinxtraw mill-proċessur. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għalhekk għandu jiġi stabbilit fuq din il-bażi.
- (7) Għall-ghajjnuna mogħtija permezz ta' kwantità ta' prodott kummerċjalizzat jew li għandu jintuża f'mod speċifiku, l-obbligu li jrid ikun hemm konformità miegħu għall-finijiet tal-għoti tal-ghajjnuna huwa avveniment li jiggarrantixxi l-użu xieraq tal-prodotti konċernati. Ix-xiri tal-prodotti mill-operatur konċernat huwa prerekwiżit li jippermetti l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli jew l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq il-kontinġent tal-operatur u li jiggarrantixxi trattament uniformi tal-fajls. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għalhekk għandu jiġi stabbilit fir-rigward tax-xiri tal-prodotti.
- (8) Għal ghajjnuna oħra mogħtija fis-settur agrikolu, is-sitwazzjonijiet jistgħu jvarjaw ħafna. Madankollu, it-tali ghajjnuna tingħata dejjem fuq il-bażi ta' applikazzjoni u fi żmien id-dati tal-iskadenza stabbiliti bil-leġislazzjoni. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju f'dan il-każ għalhekk għandu jiġi stabbiliti bħala d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.
- (9) Fil-każ tal-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għal u l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa<sup>(4)</sup>, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju hu definit bl-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni<sup>(5)</sup>. Għandha ssir referenza għal din id-dispożizzjoni.
- (10) Fil-każ tal-prezzijiet, primjums u ghajjnuna fis-settur tal-inbid stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid<sup>(6)</sup>, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun konness, skont il-każ, mad-data tal-bidu tas-sena tal-inbid, l-applikazzjoni ta' kuntratti speċifiċi jew il-kompletar ta' ċerti operazzjonijiet bħall-arrikiment jew l-ipproċessar tal-prodotti tal-inbid. L-avveniment operattiv li għandu jiġi kkunsidrat għalhekk għandu jkun speċifikat għal kull sitwazzjoni.

(1) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 49. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bl-Att dwar l-Adeżjoni tal-2003.

(2) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2004 (ĠU L 64, 2.3.2004, p. 25).

(3) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 114. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.3.2004, p. 1).

(4) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

(5) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

(6) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

## ▼B

- (11) Is-sitwazzjonijiet li jridu jiġu kkunsidrati sabiex jiġi stabbilit l-avveniment operattiv huma differenti ħafna għall-ghajjnuna fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 1(b)(i), (ii) u (iii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 tad-9 ta' Novembru 2005 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 dwar miżuri għad-disponiment ta' krema, butir u butir ikkonċentrat fis-suq tal-Komunità<sup>(1)</sup>, fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2799/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 rigward il-konċessjoni ta' ghajjnuna għall-ħalib xkumat u t-trab tal-ħalib xkumat intiż għall-għalf tal-annimali u l-bejgħ ta' dan it-trab tal-ħalib xkumat<sup>(2)</sup>, fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2707/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 li jipprovdi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-ghajjnuna Komunitarja għall-provvista tal-ħalib u ċerti prodotti mill-ħalib lit-tfal tal-iskola fi stabbilimenti tal-edukazzjoni<sup>(3)</sup>, fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2921/90 tal-10 ta' Ottubru 1990 dwar ghajjnuna għall-produzzjoni ta' kaseina u kaseinati magħmulin minn ħalib xkumat<sup>(4)</sup>, u għat-taxxa msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jstabbilixxi taxa imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib<sup>(5)</sup>. L-avveniment operattiv għalhekk għandu jiġi stabbilit skont in-natura speċifika ta' kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet.
- (12) Fil-każ tal-ispejjeż tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2771/1999 tas-16 ta' Diċembru 1999 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward ta' intervent fis-suq tal-butir u l-krema<sup>(6)</sup> u fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 rigward interventi fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat<sup>(7)</sup>, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun ibbażat fuq id-data tas-sottomissjoni tal-offerti taħt kuntratti pubbliċi. Dan l-avveniment operattiv għalhekk għandu jiġi stabbilit bħala d-data li fiha l-awtorità kompetenti tirċievi offerta ammissibbli għall-kuntratt tat-trasport korrispondenti.

(1) ĠU L 308, 25.11.2005, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1474/2006 (ĠU L 275, 6.10.2006, p. 44).

(2) ĠU L 340, 31.12.1999, p. 3. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1558/2006 (ĠU L 288, 19.10.2006, p. 21).

(3) ĠU L 311, 12.12.2000, p. 37. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 943/2006 (ĠU L 173, 27.6.2006, p. 9).

(4) ĠU L 279, 11.10.1990, p. 22. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1487/2006 (ĠU L 278, 10.10.2006, p. 8).

(5) ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1468/2006 (ĠU L 274, 5.10.2006, p. 6).

(6) ĠU L 333, 24.12.1999, p. 11. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1474/2006 (ĠU L 275, 6.10.2006, p. 44).

(7) ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2107/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 20).

## ▼B

- (13) Il-prezz ta' referenza għaz-zokkor u l-prezz minimu għall-pitravi tal-kwota msemija fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor<sup>(1)</sup> huma konnessi fil-qrib u għandhom ikunu magħrufa mill-operaturi għas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni sħiħa. L-istess għandu japplika għall-ammont ta' darba ntaxxat fuq il-kwoti addizzjonali taz-zokkor u fuq il-kwoti supplimentari tal-isoglukosju, u għall-ammont żejjed u t-tariffa fuq il-produzzjoni msemija fl-Artikoli 8(3), 9(3), 15 u 16 rispettivament tar-Regolament (KE) Nru 318/2006. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għal dawn il-prezzijiet għalhekk għandu jiġi stabbilit viċin kemm jista' jkun iżda qabel id-data tal-ħsad.
- (14) Fil-każ tal-ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali msemija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)<sup>(2)</sup>, u l-ammonti approvati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (EAGF)<sup>(3)</sup>, li l-pagamenti tagħhom huma żgurati permezz tal-programmi għall-iżvilupp rurali approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, l-ammonti huma stabbiliti għal sena ta' kummerċjalizzazzjoni jew sena kalendarja. L-għan kummerċjali għalhekk jinkiseb jekk l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju jiġi stabbilit għas-sena konċernata. Fuq il-bażi ta' dan, l-avveniment operattiv għandu jiġi stabbilit għall-1 ta' Jannar tas-sena li fiha tittieħed id-deċiżjoni li tingħata għajna.
- (15) Is-somom f'daqqa imsemija fil-punt 3 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1433/2003 tal-11 ta' Awwissu 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 dwar il-fondi operattivi, il-programmi operattivi u l-għajna finanzjarja<sup>(4)</sup>, maħsuba biex ikopru l-ispejjeż ġenerali speċifikament relatati mal-fondi operattivi jew il-programmi msemija fl-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex<sup>(5)</sup>, huma stabbiliti għal sena partikolari. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għalhekk għandu jiġi stabbilit għall-1 ta' Jannar tas-sena li għaliha jirrelataw dawn l-ispejjeż ġenerali.
- (16) Għal prezzijiet u ammonti oħra konnessi ma' daww il-prezzijiet, l-għan kummerċjali jinkiseb mad-dħul fis-seħħ tal-att legali fuq il-bażi li jiġu stabbiliti daww il-prezzijiet u l-ammonti. Madankollu, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jikkorrelata wkoll mal-obbligi tal-kontabilità u tar-rappurtaġġ tal-operaturi u l-Istati Membri. Bħala konsegwenza, għas-simplifikazzjoni tal-ġestjoni, avveniment wieħed operattiv għandu jiġi stabbilit għall-prezzijiet u l-ammonti kollha relatati ma' ċertu tip ta' operazzjoni li sseħħ f'perjodu partikolari, sakemm ma jitbeggħdux wisq mill-għan kummerċjali, u l-ewwel jum tax-xahar li fih l-atti legali konċernati jidħlu fis-seħħ għandu jintuża għal dan il-għan.

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1585/2006 (ĠU L 294, 25.10.2006, p. 19).

<sup>(2)</sup> ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1463/2006 (ĠU L 277, 9.10.2006, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.

<sup>(4)</sup> ĠU L 203, 12.8.2003, p. 25. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 576/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 4).

<sup>(5)</sup> ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

## ▼B

- (17) Fil-każ ta' ħlasijiet antiċipati u titoli tas-sigurtà, l-ammonti li jridu jitħallsu jew l-ammonti garantiti huma stabbiliti f'ewro skont il-leġislazzjoni agrikola u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Ir-rata tal-kambju applikabbli għal dawn l-ammonti għalhekk għandha tkun viċin tad-data li fiha jitħallas il-ħlas antiċipat jew id-data li fiha jiġu depożitati l-garanziji. Jekk il-garanziji jintużaw, l-ammont ta' dawk il-garanziji għandu jkopri wkoll ir-riskji kollha li ġew stabbiliti għalihom. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jiġi definit fuq il-bażi jew tal-ġurnata li fiha l-ammont tal-ħlas antiċipat jiġi stabbilit jew tiġi depożitata l-garanzija, jew id-data li fiha dawn jitħallsu.
- (18) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) tal-miżuri ta' intervent taħt forma ta' operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku u l-kontabilità tal-operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku mill-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri <sup>(1)</sup>, mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi u l-avvenimenti operattivi stipulati fl-Annessi għal dak ir-Regolament jew il-leġislazzjoni agrikola, l-infiq ikkalkulat fuq il-bażi tal-ammonti stabbiliti f'ewro u l-infiq jew dħul fil-munita nazzjonali skont dak ir-Regolament jiġu konvertiti skont il-każ fil-munita nazzjonali jew f'ewro fuq il-bażi tal-aħħar rata tal-kambju stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel is-sena ta' kontabilità li fiha l-operazzjonijiet jiġu reġistrati fil-kontijiet tal-aġenzija tal-ħlas, u dik ir-rata tal-kambju tapplika wkoll għall-imputazzjonijiet relatati mal-każijiet speċifiċi differenti msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk għandha ssir referenza għal dik id-dispożizzjoni.
- (19) L-istabbiliment, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, ta' avveniment operattiv wieħed għall-ħlasijiet kollha diretti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għamel mhux applikabbli jew kontradittorji ċerti avvenimenti operattivi stipulati fil-leġislazzjoni agrikola settorali, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1003/81 tal-10 ta' April 1981 li jiddefinixxi l-avveniment operattiv fil-każ tal-bejgħ ta' ċereali u ross miżmuma fil-ħażna mill-aġenziji tal-intervent <sup>(2)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3749/86 tad-9 ta' Diċembru 1986 li jstabbilixxi l-fatt operattiv għall-kalkolu ta' taxxi u rifużjonijiet fis-settur tar-ross <sup>(3)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1713/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jstabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-rata ta' konverżjoni agrikola fis-settur taz-zokkor <sup>(4)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1718/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 dwar il-fatt operattiv għar-rati ta' konverżjoni agrikoli użati fis-settur taż-żrieragħ <sup>(5)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1756/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jiffissa l-avvenimenti operattivi għar-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli għall-ħalib u prodotti tal-ħalib <sup>(6)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1759/93 tal-1 ta' Lulju 1993 dwar l-avvenimenti operattivi għar-rati ta' konverżjoni agrikoli li għandhom jiġu applikati fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella <sup>(7)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1785/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 dwar

<sup>(1)</sup> ĠU L 171, 23.6.2006, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU L 100, 11.4.1981, p. 11.

<sup>(3)</sup> ĠU L 348, 10.12.1986, p. 32.

<sup>(4)</sup> ĠU L 159, 1.7.1993, p. 94. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1509/2001 (ĠU L 200, 25.7.2001, p. 19).

<sup>(5)</sup> ĠU L 159, 1.7.1993, p. 103.

<sup>(6)</sup> ĠU L 161, 2.7.1993, p. 48. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 569/1999 (ĠU L 70, 17.3.1999, p. 12).

<sup>(7)</sup> ĠU L 161, 2.7.1993, p. 59.

## ▼B

il-fatt operattiv għar-rati ta' konverżjoni agrikoli użati fis-settur tal-fibri <sup>(1)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1793/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 dwar il-fatt operattiv għar-rati ta' konverżjoni agrikoli użati fis-settur tal-ħops <sup>(2)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3498/93 tal-20 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-fatti operattivi applikabbli speċifikament għas-settur taż-żejt taż-żebuga <sup>(3)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 594/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-avvenimenti operattivi applikabbli għall-prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u għall-prodotti pproċessati tal-frott u l-ħxejjex <sup>(4)</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 383/2005 tas- 7 ta' Marzu 2005 li jistabbilixxi l-avvenimenti operattivi għar-rati tal-kambju li japplikaw għall-prodotti tas-settur tal-inbid <sup>(5)</sup>.

- (20) Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1003/81, 3749/86, 1713/93, 1718/93, 1756/93, 1759/93, 1785/93, 1793/93 u (KE) Nru 3498/93, 594/2004 u 383/2005 għalhekk għandhom jiġu revokati.
- (21) Ir-regolamenti li ġejjin għalhekk għandhom jiġu emendati:
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi r-regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli <sup>(6)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3164/89 tat-23 ta' Ottubru 1989 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġu applikati miżuri speċjali rigward iż-żerriegħa tal-qanneb <sup>(7)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3444/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti tal-ghajjnuna għall-ħażna privata tal-laħam tal-majjal <sup>(8)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3446/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti tal-ghajjnuna għall-ħażna privata tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż <sup>(9)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 u (KEE) Nru 1418/76 li jikkonċernaw ir-rifużjonijiet tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross rispettivament <sup>(10)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1858/93 tad-9 Lulju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 rigward l-iskema tal-ghajjnuna sabiex tikkumpensa t-telf mid-dħul mill-marketing fis-settur tal-banana <sup>(11)</sup>;

<sup>(1)</sup> ĠU L 163, 6.7.1993, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 163, 6.7.1993, p. 22. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1410/1999 (ĠU L 164, 30.6.1999, p. 53).

<sup>(3)</sup> ĠU L 319, 21.12.1993, p. 20.

<sup>(4)</sup> ĠU L 94, 31.3.2004, p. 17.

<sup>(5)</sup> ĠU L 61, 8.3.2005, p. 20.

<sup>(6)</sup> ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 673/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 17).

<sup>(7)</sup> ĠU L 307, 24.10.1989, p. 22. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3587/92 (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 26).

<sup>(8)</sup> ĠU L 333, 30.11.1990, p. 22. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 851/2003 (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 7).

<sup>(9)</sup> ĠU L 333, 30.11.1990, p. 39. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1641/2001 (ĠU L 217, 11.8.2001, p. 3).

<sup>(10)</sup> ĠU L 159, 1.7.1993, p. 112. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1950/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 18).

<sup>(11)</sup> ĠU L 170, 13.7.1993, p. 5. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 789/2005 (ĠU L 132, 26.5.2005, p. 13).

## ▼B

- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2825/93 tal-15 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 rigward l-istabbiliment u l-għotjiet ta' rifużjonijiet aġġustati fir-rigward taċ-ċereali esportati taħt forma ta' ċerti spirti tax-xorb <sup>(1)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1905/94 as-27 ta' Lulju 1994 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 399/94 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-għeneb imqadded <sup>(2)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli <sup>(3)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 562/2000 tal-15 ta' Marzu 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga <sup>(4)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 907/2000 tat-2 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 rigward l-għajnuna għall-ħażna privata fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella <sup>(5)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati tal-istabbiliment bil-quddiem għal prodotti agrikoli <sup>(6)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2001 tal-5 ta' Frar 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u l-qanneb ikkoltivati għall-fibra <sup>(7)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2236/2003 tat-23 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 li jistabbilixxi sistema ta' kwoti fi-rigward tal-produzzjoni tal-lamtu tal-patata <sup>(8)</sup>;
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;

<sup>(1)</sup> ĠU L 258, 16.10.1993, p. 6. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1633/2000 (ĠU L 187, 26.7.2000, p. 29).

<sup>(2)</sup> ĠU L 194, 29.7.1994, p. 21. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 94/2002 (ĠU L 17, 19.1.2002, p. 20).

<sup>(3)</sup> ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 671/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 5).

<sup>(4)</sup> ĠU L 68, 16.3.2000, p. 22. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1067/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 60).

<sup>(5)</sup> ĠU L 105, 3.5.2000, p. 6.

<sup>(6)</sup> ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7).

<sup>(7)</sup> ĠU L 35, 6.2.2001, p. 18. Ir-regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 873/2005 (ĠU L 146, 10.6.2005, p. 3).

<sup>(8)</sup> ĠU L 339, 24.12.2003, p. 45. Ir-regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1950/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 18).



**▼B**

- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 917/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 dwar azzjonijiet fil-qasam tal-apikoltura <sup>(1)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2005 tas-7 ta' Marzu 2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf niexef <sup>(2)</sup>;
  - ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 rigward produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota <sup>(3)</sup>;
- (22) Għandu jkun hemm provvediment ukoll għal perjodu tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor, fir-rigward tar-rata tal-kambju applikabbli għall-prezz minimu għall-pitravi, minħabba l-kuntratti ffirmati għal dan il-għan bejn il-koltivaturi tal-pitravi u l-produtturi taz-zokkor għas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni 2006/07 li qed jiġu implimentati attwalment.
- (23) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitati tal-Ġestjoni rilevanti,

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

## KAPITOLU I

## AVVENIMENTI OPERATTIVI GħAR-RATA TAL-KAMBJU

*Artikolu 1***Rimborżi tal-esportazzjoni u kummerċ ma' pajjiżi terzi**

1. Għar-rimborżi stabbiliti f'euro u għall-prezzijiet u l-ammonti espressi f'euro fil-leġislazzjoni agrikola tal-Komunità li jridu jiġu applikati fil-kummerċ ma' terzi pajjiżi, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dwana.
2. Għall-kalkolu tal-valur standard tal-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 3223/94, sabiex jiġi stabbilit il-prezz tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għall-prezzijiet rappreżentattivi użati għall-kalkolu tal-valur standard u l-ammont tat-tnaqis imsemmi fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 għandu jkun il-jum li jirrelataw għalih il-prezzijiet rappreżentattivi.

*Artikolu 2***Rimborżi tal-produzzjoni u tipi speċifiċi ta' għajnuna**

1. Għar-rimborżi tal-produzzjoni stabbiliti f'euro mil-leġislazzjoni tal-Komunità, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun:
  - (a) id-data li fiha jiġi dikjarat li l-prodotti waslu fid-destinazzjoni meħtieġa, skont il-każ, b'dik il-leġislazzjoni;

<sup>(1)</sup> ĠU L 163, 30.4.2004, p. 83. Ir-regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1484/2004 (ĠU L 273, 21.8.2004, p. 5).

<sup>(2)</sup> ĠU L 61, 8.3.2005, p. 4. Ir-regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 432/2006 (ĠU L 79, 16.3.2006, p. 12).

<sup>(3)</sup> ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.

**▼ B**

- (b) fil-każijiet fejn l-ebda destinazzjoni bħal din ma hi meħtieġa, l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni għall-ħlas tar-rimborż mill-aġenzija tal-ħlas.
2. Għall-ghajjnuna għall-ipproċessar, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun id-data li fiha l-prodotti jinxtraw mill-proċessur, b'mod partikolari:
- (a) għall-ghajjnuna għall-ipproċessar tal-frott taċ-ċitru u l-frott u l-ħxejjex imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2202/96 u fl-Artikoli 2 u 6a(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 rispettivament;
- (b) għall-prezz minimu msemmi fl-Artikolu 6a(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96.
- (c) għall-prezz minimu u l-primjum imsemmija fl-Artikoli 4a u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1868/94.
3. Għall-ghajjnuna għall-foraġġ imnixxef imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1786/2003 u l-ammonti konnessi ma' dik l-ghajjnuna, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun il-ġurnata li fiha l-foraġġ imnixxef jitlaq l-impriża tal-ipproċessar.
4. Għall-ghajjnuna mogħtija bħala kwantità ta' prodott kummerċjalizzat jew prodott li jrid jintuża f'mod speċifiku, mingħajr ħsara għall-Artikoli 4, 5 u 6, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-ewwel operazzjoni li tiggarantixxi, wara li l-prodotti jinxtraw mill-operatur konċernat, l-użu xieraq tal-prodotti konċernati u tinvolvi l-ġhoti tal-ghajjnuna.
5. Għall-ghajjnuna għall-ħżin privata l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-ewwel ġurnata tal-perjodu li għalih tingħata l-ghajjnuna relatata mal-istess kuntratt.
6. Għall-ghajjnuna minbarra dik imsemmija fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikoli 4 u 5, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun id-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

*Artikolu 3***Ħlasijiet diretti**

Għall-iskemi tal-appoġġ elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-ammont addizzjonali ta' għajjnuna msemmi fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun id-data msemmija fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

**▼ M3***Artikolu 4*

1. L-avveniment operattiv għar-rati tal-kambju għandu fl-ewwel jum tas-sena tat-tagħsira li fiha jingħata l-appoġġ għal dan li ġej:
- (a) ir-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;
- (b) l-istabbilment ta' fondi mutwi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;
- (c) l-assigurazzjoni fuq il-ħsad imsemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.
2. Għall-ghajjnuniet imħallsa għad-distillazzjoni volontarja jew obbligatorja ta' prodott sekondarji mill-vitikultura, imsemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-ewwel jum tas-sena tat-tagħsira li fiha jiġi distribwit il-prodott sekondarju.

**▼M3**

3. L-avveniment operattiv għar-rati tal-kambju għandu jkun fl-ewwel jum tax-xahar li fih titwettaq l-ewwel distribuzzjoni ta' l-inbid skond kuntratt għal dan li ġej:

(a) l-appoġġ mogħti għad-distillazzjoni ta' alkoħol għax-xorb imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(b) l-appoġġ mogħti għad-distillazzjoni ta' kriżi imsemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

4. Għall-appoġġ mogħti għall-użu ta' most konċentrat ta' l-għeneb imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-ewwel jum tax-xahar li fih jitwettaq l-ewwel arrikkiment minn produttur partikolari.

5. Għall-primjum mogħti b'kumpens għall-qluġh tad-dwieli msemmi fl-Artikolu 98 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' Lulju li jippreċedi s-sena tat-tagħsira li fiha tiġi aċċettata l-applikazzjoni għall-ħlas.

**▼B***Artikolu 5***Ammonti u ħlasijiet fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib**

1. Għall-għajjnuna mogħtija għall-użu tal-butur, butir konċentrat u krema fi prodotti tal-għaġina u l-ġelat kif imsemmi fl-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005 u għall-għajjnuna għall-butir konċentrat għall-konsum dirett fil-Komunità kif imsemmi fl-Artikolu 1(b)(ii) ta' dak ir-Regolament, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-aħħar ġurnata għas-sottomissjoni tal-offerta.

2. Għall-għajjnuna għax-xiri tal-butir minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt kif imsemmi fl-Artikolu 1(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-ewwel ġurnata tal-perjodu li għalih huwa validu l-vawċer stipulat fl-Artikolu 75(1) ta' dak ir-Regolament.

3. Għall-għajjnuna għall-ħalib xkumat u t-trab tal-ħalib xkumat għall-użu fl-oġġetti tat-tmigħ kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2799/1999, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun il-ġurnata li fiha l-ħalib xkumat jew it-trab tal-ħalib xkumat jiġi proċessat f'oġġetti tat-tmigħ komposti jew li fiha t-trab tal-ħalib jiġi denaturat.

**▼M1**

4. Għall-għajjnuna li tingħata għal provvista ta' ċerti prodotti mill-ħalib lit-tfal ta' l-iskola msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2707/2000, l-avveniment operattiv għall-kambju tar-rata għandu jkun l-ewwel jum tal-perjodu li miegħu tirrelata l-applikazzjoni tal-ħlas msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

**▼B**

5. Għall-għajjnuna mogħtija għall-ħalib xkumat użat fil-produzzjoni tal-kaseina u kaseinati msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2921/90, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun il-ġurnata tal-manifattura tal-kaseina u l-kaseinati.

6. Għall-ħlas tat-taxxa msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004, għal perjodu ta' tmax-il xahar partikolari skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' April ta' wara l-perjodu konċernat.

7. Għall-ispejjeż tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 2771/1999 u fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 214/2001, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun il-ġurnata li fiha l-awtorità kompetenti tirċievi l-offerta valida.

## ▼M4

*Artikolu 5a***Ammonti u pagamenti tal-ghajjnuna marbuta mal-implimentazzjoni tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejje**

Għall-ghajjnuna mogħtija għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 <sup>(1)</sup>, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' Jannar ta' qabel il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

## ▼B

*Artikolu 6***Prezz minimu għall-pitravi, ammont ta' darba, ammont żejjed u tariffa tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor**

Għall-prezz minimu għall-pitravi, l-ammont ta' darba ntaxxat fuq il-kwoti addizzjonali taz-zokkor u fuq il-kwoti supplimentari tal-isoglukożju, u l-ammont żejjed u t-tariffa tal-produzzjoni msemmija fl-Artikoli 5, 8(3), 9(3), 15 u 16 rispettivament tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' Ottubru tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li fir-rigward tagħha jiġu applikati jew imħallsa l-prezzijiet u l-ammonti.

*Artikolu 7***Ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali u spejjeż ġenerali tal-programmi operattivi**

1. Għall-ammonti msemmija fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, kif ukoll għall-ammonti relatati mal-miżuri approvat taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, li għalihom jiġu assigurati l-ħlasijiet lill-benefiċjarji permezz tal-programmi tal-iżvilupp rurali approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha tittieħed id-deċiżjoni li tingħata għajjnuna.

Madankollu, fejn, taħt ir-regoli tal-Komunità, il-ħlas tal-ammonti msemmija fl-ewwel sottoparagrafu jsir fuq diversi snin, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għal kull wieħed mill-ħlasijiet bin-nifs annwali għandu jkun l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha l-ħlas bin-nifs konċernat jitħallas.

2. Għas-somom sħaħ imsemmija fil-punt 3 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1433/2003, maħsuba biex ikopru l-ispejjeż ġenerali speċifikament relatati mal-fondi operattivi jew il-programmi msemmija fl-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-1 ta' Jannar tas-sena li għaliha jirrelataw dawn l-ispejjeż ġenerali.

*Artikolu 8***Ammonti u prezzijiet oħra**

Għall-prezzijiet jew l-ammonti minbarra dawk imsemmija fl-Artikoli 1 sa 7, jew l-ammonti konnessi ma' dawk il-prezzijiet, espressi f'ewro fil-leġislazzjoni tal-Komunità, jew espressi f'ewro permezz ta' proċedura ta' offerti, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun il-ġurnata li fiha jseħħ wieħed mill-atti legali li ġejjin:

- (a) għax-xiri, meta l-offerta valida tkun ġiet riċevuta jew, fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, meta l-prodotti jittieħdu minn min jieħu ħsieb il-maħżen;

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, 8.4.2009, p. 38.

**▼B**

- (b) għall-bejgħ, meta l-offerta valida tkun ġiet riċevuta jew, fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, meta l-operatur konċernat jixtri l-prodotti;
- (c) għall-irtirar tal-prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, il-ġurnata li fiha jseħħ l-irtirar;
- (d) għall-ispejjeż tat-trasport, l-ipproċessar jew il-ħżin pubbliku u għall-ammonti allokati lill-istudji jew lill-miżuri promozzjonali bħala parti ta' proċedura ta' offertri, l-aħħar ġurnata għas-sottomissjoni tal-offerti;
- (e) għar-reġistrazzjoni tal-prezzijiet, l-ammonti jew l-offerti fis-suq, il-ġurnata li għaliha jiġi reġistrat il-prezz, l-ammont jew l-offerta;
- (f) għall-penali konnessi man-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni agrikola, id-data tal-att tal-awtorità kompeteti li jstabbilixxi l-fatti;
- (g) għad-dħul jew l-ammonti relatati mal-volumi tal-produzzjoni, il-bidu tal-perjodu ta' referenza stabbilit bil-leġislazzjoni agrikola.

*Artikolu 9***Ħlas bil-quddiem**

Għall-ħlasijiet bil-quddiem, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-avveniment operattiv applikabbli għall-prezz jew l-ammont li jirrelata għalih il-ħlas bil-quddiem, fejn dan l-avveniment ikun seħħ saż-żmien meta jsir il-ħlas bil-quddiem, jew, f'każijiet oħra, id-data tal-istabbiliment fewro tal-ħlas bil-quddiem jew, f'nuqqas ta' dan, id-data tal-ħlas bil-quddiem.

L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun applikat għall-ħlas bil-quddiem mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tal-prezz jew l-ammont intier konċernat tal-avveniment operattiv għal dak il-prezz jew ammont.

*Artikolu 10***Garanzji**

Għall-garanzji, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun id-data li fiha tiġi depożitata l-garanzija.

Madankollu, għandhom japplikaw l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- (a) għal garanzji relatati mas-self, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-avveniment operattiv definit għall-ammont tas-self, fejn l-avveniment ikun seħħ saż-żmien li titħallas il-garanzija;
- (b) għall-garanzji relatati mas-sottomissjoni tal-offerti, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun il-ġurnata li fiha tiġi sottomessa l-offerta;
- (c) għall-garanzji relatati mal-eżekuzzjoni tal-offerti, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun id-data tal-għeluq tas-sejħa għall-offerti.

## KAPITOLU II

**RATA TAL-KAMBJU***Artikolu 11***Stabbiliment tar-rata tal-kambju**

Meta avveniment operattiv jiġi stabbilit skont il-leġislazzjoni tal-Komunità, ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għandha tkun ir-rata l-aktar reċenti stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) qabel l-ewwel ġurnata tax-xahar li fih iseħħ l-avveniment operattiv.

**▼B**

Madankollu, fil-każijiet li ġejjin, ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għandha tkun:

- (a) għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) li fihom l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju huwa l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali, ir-rata msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 <sup>(1)</sup>;
- (b) għall-infiq tal-intervent fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-ħżin pubbliku, ir-rata li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 884/2006;

**▼M1**

- (c) għall-prezz minimu tal-pitravi msemmi fl-Artikolu 6, ir-rata medja stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għax-xahar ta' qabel l-avveniment operattiv.

**▼B**

## KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET TA' EMENDA U FINALI

*Artikolu 12***Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85**

L-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 12*

1. Il-garanziji msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu f'ewro.
2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn il-garanzija tiġi aċċettata fi Stat Membru li jinsab barra miż-żona tal-ewro fil-munita nazzjonali, l-ammont tal-garanzija f'ewro għandu jiġi konvertit f'dik il-munita skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*). L-impriża li tikkorrispondi għall-garanzija u kwalunkwe ammont miżmum fil-każ ta' irregolaritajiet jew ksur għandha tibqa f'ewro.

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 13***Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 3164/89**

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3164/89 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 4*

L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-ghajjnuna għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

**▼B***Artikolu 14***Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 3444/90**

L-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3444/90 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 8*

L-avvenimenti operattivi għar-rata tal-kambju applikabbli għall-ghajjnuna u għall-garanziji għandhom ikunu dawk imsemmija fl-Artikoli 2(5) u 10 rispettivament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 15***Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 3446/90**

L-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3446/90 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 8*

L-avvenimenti operattivi għar-rata tal-kambju applikabbli għall-ghajjnuna u għall-garanziji għandhom ikunu dawk imsemmija fl-Artikoli 2(5) u 10 rispettivament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 16***Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 1722/93**

Fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1722/93, it-tieni sentenza qed tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għar-rimborż għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 17***Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 1858/93**

L-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1858/93 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 11*

L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-ghajjnuna kompensatorja għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

**▼M1***Artikolu 18***Emendar tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006**

L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1670/2006 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Ir-rata tar-rifużjoni se tkun dik li tkun tapplika fil-ġurnata li fiha ċ-ċereali jitpoġġew taħt kontroll. Madankollu, fir-rigward

**▼M1**

tal-kwantitajiet iddistillati f'kull wieħed mill-perjodi fiskali ta' distillazzjoni wara dak li fih ikun tqiegħed taħt kontroll, ir-rata għandha tkun dik li tkun tapplika fl-ewwel ġurnata ta' kull perjodu ta' distillazzjoni kkonċernat.

L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju li tkun tapplika għar-rifużjoni għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

**▼B***Artikolu 19***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1905/94**

L-Artikolu 11(8) tar-Regolament (KE) Nru 1905/94 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“8. Għall-ammonti stabbiliti fil-kwadru tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 20***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 800/1999**

L-aħħar sottoparagrafu tal-Artikolu 6 u t-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 qed jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għar-rimborż għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

**▼M1***Artikolu 21***Emendar tar-Regolament (KE) Nru 1669/2006**

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1669/2006 jinbidel b'dan li ġej:

“*Artikolu 16*

**Ir-rata ta' kambju**

L-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju applikabbli għall-ammont u għall-prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u għas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 9 għandhom ikunu dawk imsemmija f'punt (a) ta' l-Artikolu 8 u fl-Artikolu 10 rispettivament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“



**▼B***Artikolu 22***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 907/2000**

L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 907/2000 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 13*

L-avvenimenti operattivi għar-rata tal-kambju applikabbli għall-ghajjnuna u għall-garanziji għandhom ikunu daww imsemija fl-Artikoli 2(5) u 10 rispettivament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 23***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000**

It-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 qed jiġi mħassar.

**▼M2****▼B***Artikolu 25***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 2236/2003**

L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2236/2003 qed jiġi mħassar.

*Artikolu 26***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 595/2004**

L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 14*

L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-ħlas tat-taxxa msemija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu jkun dak imsemmi fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

*Artikolu 27***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 917/2004**

L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 917/2004 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 8*

Għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 3 l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-istess bħal dak imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2006 (\*).

(\*) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52.“

**▼B***Artikolu 28***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 382/2005**

L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 382/2005 qed jiġi mħassar.

*Artikolu 29***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 967/2006**

L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006 qed jiġi mħassar.

*Artikolu 30***Revoka**

Ir-Regolamenti (KEE) Nri 1003/81, 3749/86, 1713/93, 1718/93, 1756/93, 1759/93, 1785/93, 1793/93 u (KE) Nri 3498/93, 2808/98, 594/2004 u 383/2005 huma b'dan revokati.

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 31***Regola tranżitorja fis-settur taz-zokkor**

Fil-każ tal-konverżjoni tal-prezz minimu għall-pitravi msemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 fil-muniti nazzjonali fil-pajjiżi li jinsabu barra miż-żona tal-euro, l-arranġamenti li japplikaw fis-sena tal-kummerċjalizzazzjoni 2006/07 għandhom ikunu daww stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1713/93.

*Artikolu 32***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



## ANNEX

## TABELLA TAL-KORRELAZZJONI

|                                    |                         |
|------------------------------------|-------------------------|
| Regolament (KEE) Nru 1003/81       |                         |
| Artikolu 1                         | Artikolu 8              |
| Regolament (KEE) Nru 3749/86       |                         |
| Artikolu 1                         | Artikolu 8              |
| Regolament (KEE) Nru 1713/93       |                         |
| Artikolu 1                         | Artikolu 6              |
| Anness I.I                         | Punt (a) tal-Artikolu 8 |
| Anness I.II                        | Punt (b) tal-Artikolu 8 |
| Anness I.III                       | —                       |
| Anness I.IV                        | —                       |
| Anness I.V                         | —                       |
| Anness I.VI                        | —                       |
| Anness I.VII                       | —                       |
| Anness I.VIII                      | —                       |
| Anness I.IX                        | —                       |
| Anness I.X                         | —                       |
| Anness I.XII                       | —                       |
| Anness I.XIII                      | —                       |
| Anness I.XIV                       | Artikolu 1              |
| Anness I.XV                        | Artikolu 10             |
| Anness I.XVI                       | —                       |
| Regolament (KEE) Nru 1718/93       |                         |
| Artikolu 1                         | Artikolu 3              |
| Regolament (KEE) Nru 1756/93       |                         |
| Artikolu 1(1)                      | Artikolu 2(5)           |
| Artikolu 1(2)                      | Artikolu 10             |
| Artikolu 1(3)                      | Artikolu 5              |
| Anness, Parti B.III.1              | Artikolu 5(1)           |
| Anness, Parti B.III.5.A            | Artikolu 5(2)           |
| Anness, Parti C.III.3              | Artikolu 5(3)           |
| Anness, Parti D.4                  | Artikolu 5(4)           |
| Anness, Parti D.6                  | Artikolu 5(5)           |
| Regolament (KEE) Nru 1759/93       |                         |
| Artikolu 1(1)                      | Punt (a) tar-Artikolu 8 |
| Artikolu 1(2), (4), (5), (6) u (7) | Artikolu 10             |
| Artikolu 1(3)                      | Punt (b) tal-Artikolu 8 |
| Regolament (KEE) Nru 1785/93       |                         |
| Artikolu 1                         | Artikolu 3              |
| Regolament (KEE) Nru 1793/93       |                         |
| Artikolu 1                         | Artikolu 3              |

## ▼B

|                              |                                     |
|------------------------------|-------------------------------------|
| Regolament (KE) Nru 3498/93  |                                     |
| Artikolu 1                   | Artikolu 3                          |
| Artikolu 2                   | Artikolu 3                          |
| Artikolu 3                   | Artikolu 2                          |
| Regolament (KEE) Nru 2808/98 |                                     |
| Artikolu 1                   | Artikolu 11                         |
| Artikolu 2                   | Artikolu 1(1)                       |
| Artikolu 3(1)                | Punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 8 |
| Artikolu 3(2)                | Artikolu 2(4)                       |
| Artikolu 3(3)                | Artikolu 2(5)                       |
| Artikolu 4(1)                | Artikolu 3                          |
| Artikolu 4(2)                | Artikolu 7                          |
| Artikolu 4(3)                | —                                   |
| Artikolu 5(1)                | Punt (d) tal-Artikolu 8             |
| Artikolu 5(2)                | Punt (e) tal-Artikolu 8             |
| Artikolu 5(3)                | Artikolu 9                          |
| Artikolu 5(4)                | Artikolu 10                         |
| Artikoli 6 sa 15             | —                                   |
| Regolament (KE) Nru 594/2004 |                                     |
| Artikolu 2                   | Artikolu 7 (2)                      |
| Artikolu 3(1)                | Punt (c) tal-Artikolu 8             |
| Artikolu 3(2)                | Artikolu 7 (2)                      |
| Artikolu 4                   | Punt (c) tal-Artikolu 8             |
| Artikolu 5(1)                | Artikolu 1(2)                       |
| Artikolu 5(2)                | Artikolu 1(2)                       |
| Artikolu 5(3)                |                                     |
| Artikolu 6                   | Artikolu 1(1)                       |
| Artikolu 7                   | Artikolu 2(2)                       |
| Artikolu 8(1)                | Punt (a) tal-Artikolu 8             |
| Artikolu 8(2)                | Artikolu 2(5)                       |
| Artikolu 8(3)                | Punt (b) tal-Artikolu 8             |
| Artikolu 8 (4)               | Artikolu 10(b)                      |
| Artikolu 9                   | Artikolu 1(1)                       |
| Artikolu 10                  | Artikolu 2(2)                       |
| Regolament (KE) Nru 383/2005 |                                     |
| Artikolu 1                   | Artikolu 4(1)                       |
| Artikolu 2(1)                | Artikolu 4(1)                       |
| Artikolu 2(2)                | Artikolu 4(1)                       |
| Artikolu 2(3)                | Artikolu 4(2)                       |
| Artikolu 2(4)                | Artikolu 4(2)                       |
| Artikolu 2(5)                | Artikolu 4(2)                       |
| Artikolu 2(6)                | Artikolu 4(3)                       |
| Artikolu 2(7)                | Artikolu 4(3)                       |